**8 ta’ Frar**

**Tifkira ta’**

S.ĠIROLMU EMILIANI

Twieled f’Venezja fl-1486; daħal suldat u, meta spiċċa mis-servizz, ingħata għall-għajnuna tal-foqra, li lilhom qassam ġidu. Imbagħad waqqaf l-Ordni tal-Kjeriċi Regolari ta’ Somaska biex jieħdu ħsieb it-tfal iltiema u fqar. Miet f’Somaska, fid-distrett ta’ Bergamo, fl-1537.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għal edukaturi...

Talba

O Alla, Missier ta’ kull ħniena, int ħadt ħsieb it-tfal iltiema u bgħattilhom lil San Ġirolmu Emiliani biex jieqaf magħhom u jkunilhom missier; bit-talb tiegħu, agħtina li nħarsu b’fedelta’ sħiħa l-Ispirtu ta’ adozzjoni, li bih nissejħu wliedek, u aħna tassew. B’Ibnek.